MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 297/2003

**Simon Azzopardi**

**vs**

**Vittoriosa Gaming Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundanata:**

**1. Illi thallas lill-attur is-somma komplessiva ta' elf seba' mija u disgha u erbghin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM1749.55), rapprezentanti kwantu ghal LM1702 bhala arretrati ta'**

**kera tal-vettura tal-marka Hyundai Excel bin-numru tar-registrazzjoni DAK 481 , u kwantu ghall-bilanc ta’ LM47.55 bhala spejjez ta’ tiswijiet ossia penalitajiet imhallsa mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta’ konvenuta; dana kollu ai termini tal-ftehim ta’ kiri relattiv iffirmat bejniethom fit-3 ta’ Gunju, tas-sena 2002, kif emendat bi skrittura sussegwenti tas-16 ta’ Settembru tas-sena 2002 (Dokumenti `A’ u `B’);**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Jannar tas-sena 2003, tal-ittra legali tat-30 ta’ Ottubru tas-sena 2002 u tal-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalmnet, u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ kull skadenza tal-kera jew, skond il-kaz, mid-data illi fiha gew inkorsi l-ispejjez reklamati, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta illi minn issa r-rapprezentanti legali taghha huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta datata l-24 ta’ Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta ammettiet it-talbiet attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Vittoriosa Gaming Limited biex thallas lill-attur Simon Azzopardi is-somma ta’ elf seba’ mija u disgha u erbghin Lira Maltin u hams u hamsin centezmu (LM1749.55), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------